MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 11/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Grezzju Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Grezzju Camilleri talli fis-6 ta’ Jannar 2008 u fil-gimghat ta’ qabel bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, qafel il-grada u abbuzivament inbarra d-dritt ta’ passagg lil Sandro Rotin u lil Carmel Rotin u b’ hekk impedixxihom milli jidhlu fl-ghalqa taghhom f’Ta Razzat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Jannar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Grezzju Camilleri

hati talli fis-6 ta' Jannar 2008 bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu qafel il-grada u abbuzivament imbarra d-dritt ta' passagg ta' Sandro u Carmel, ahwa Rotin, u b'hekk impedihom milli jidhlu fl-ghalqa taghhom f'Ta' Razzat u, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu multa ta' elf euro (€1000). Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 377 ta' l-istess Kap. 9 rabtet lill-istess Grezzju Camilleri biex fi zmien gimgha jaghti access lill-kwerelanti b'rizerva ta' kull azzjoni taht ic-citat artikolu 377(5), kif ukoll a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 ikkundannatu jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' seba' mija erbgha u ghoxrin euro (€724) import ta' l-ispejjez inkorsi fin-nomina ta' perit tekniku;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Grezzju Camilleri pprezentat fit-22 ta' Jannar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontrih, u minn kull piena u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma kkunsidratx sewwa s-sottomissjoni mqajjma mill-appellant (allura imputat) li ma jikkonkorrux l-elementi kollha necessarji sabiex jissussisti r-reat ta' *ragion fattasi*. Jghid illi hu kellu biss l-intenzjoni li jottempera ruhu mal-ligi, u cioe` biex ma jhalli lil hadd li kien sprovvist minn licenza illi jaghmel uzu mill-areja tal-kamra tan-nar, u ghalhekk ma kellux id-dolo specjali rikjest ghal dan ir-reat. Inoltre l-agir tieghu kien munit bl-intenzjoni li jissalvagwardja l-inkolumita` pubblika. Barra minn hekk l-appellant u l-membri tas-socjeta` dejjem cahdu li l-passagg in kwistjoni ilu zmien twil jigi ezercitat mill-kwerelanti; (2) bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-multa komminata hi esagerata; (3) l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundannah ghall-hlas ta' l-ispejjes ta' l-espert

tekniku peress illi l-proceduri odjerni nbdew bil-kwerela tal-parti u mhux mill-Pulizija *ex officio*.

Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta’ *ragion fattasi* jridu jikkonkorru dawn l-elementi:

“(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta’ dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b’ezercizzju ta’ dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel ‘di privato braccio’ dak li jmissu jsir per mezz ta’ l-awtorita` pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d’Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, ‘la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l’opera del Magistrato’); u (4) in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta’ Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta’ Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta’ Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista’ jaghti lok ghar-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika”.[1]

L-ewwel tliet elementi jridu jikkonkorru kollha, u minn ezami li ghamlet din il-Qorti tal-provi kollha, hi tal-fehma illi jikkonkorru. L-ewwelnett jirrizulta illi l-kwerelanti Carmel u Sandro Rotin kienu jghaddu mill-passagg in kwistjoni li jinsab entru l-perimetru tal-kamra tan-nar “La Stella” fil-limiti ta’ Gudja. Dan jirrizulta anke mix-xiehda ta’ l-istess appellant u minn kontro-protest tar-rapprezentanti ta’ din il-kamra tan-nar (Dok. SR4 a fol. 33). Jirrizulta wkoll illi meta l-appellant biddel il-katnazz tax-xatba tal-kamra tan-

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

nar, l-ahwa Rotin gew ostakolati milli jkomplu jaghmlu uzu mill-imsemmi passagg, u dan kien decizament kontra l-opposizzjoni taghhom. Jirrizulta illi l-appellant jemmen li dak li ghamel ghamlu bi dritt minhabba r-responsabbilta` tieghu bhala *licensee* ghall-osservanza tal-ligijiet li jirrigwardaw il-kmamar tan-nar. Pero` hawn ghandna sitwazzjoni fejn sabiex l-appellant jottempera ruhu mal-licenzja, ghazel li *di privato braccio* jaghmel dak li ghamel minghajr ma jirrikorri ghand l-awtorita` kompetenti biex iwaqqaf lill-ahwa Rotin milli jkomplu juzaw tali passagg.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant jghid li hija eccessiva u kwazi fil-massimu tal-multa applikabbli. L-appellant isostni illi huwa kien motivat purament mill-bzonn illi jimxi mal-ligi kif ukoll mal-kundizzjonijiet tal-licenza u ghalhekk b’ebda mod ma jista’ jinghad illi huwa agixxa b’pika jew skorrettezza.

Din il-Qorti taqbel ma’ l-appellant illi fic-cirkostanzi tal-kaz il-piena mhijiex wahda idoneja. L-appellant sab ruhu effettivament maqbud bejn il-htiega li jigu osservati skrupolozament il-ligijiet dwar il-kmamar tan-nar u d-dritt tal-kwerelanti li juzaw il-passagg in kwistjoni. Naturalment kien hemm opzjonijiet ohra x’jaghzel izda ghazel dik li dehrlu kienet l-ehfef haga li seta’ jaghmel. Pero` hemm lok ta’ revizjoni tal-piena u ta’ l-ordni li ghamlet l-ewwel Qorti skond l-artikolu 377 tal-Kap. 9.

Kwantu ghat-tielet aggravju fejn l-appellant isostni illi ma kellux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez peritali, ghandu ragun.

L-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jaqra hekk :

**“Meta l-kawza ssir mill-Pulizija <u>ex officio</u>, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f’kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew lil hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghal hlas lir-registratur, ta’ l-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-**

**ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri…."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

F'dan il-kaz jirrizulta li l-kawza tmexxiet permezz ta' kwerela ta' l-ahwa Sandro u Carmel Rotin mibghuta lill-Pulizija mill-Avukat taghhom Dott. Joe Mifsud fit-8 ta' Jannar 2008 (ara kwerela a fol. 4 tal-process). Ghalhekk l-appellant ma kellux jigi kkundannat ghall-ispejjez peritali ghax il-ligi titkellem car f'dar-rigward. Ara f'dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2008 u s-sentenza **Il-Pulizija v. Josephine Bartolo et** moghtija fit-2 ta' Lulju 2008.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkudnannat lill-appellant ghal multa ta' elf euro (€1000) u minflok tikkundannah ghal multa ta' tliet mitt euro (€300), tirrevokaha wkoll in kwantu ordnat li fi zmien gimgha l-appellant jaghti access lill-kwerelanti b'riserva ta' kull azzjoni taht l-artikolu 377(5) tal-Kap. 9 u in kwantu kkundannatu ghall-hlas lir-Registratur tas-somma ta' €724 spejjez peritali u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------